MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 754/1999/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Attard Brothers Co. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess Korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u erba u disghin lira maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm594.43) rapprezentanti danni mis-socjeta konvenuta jew minn impjegati tas-socjeta konvenuta ikkagunati f'cable tal-elettriku propjeta tal-korprazzjoni attrici u dana meta nhar l-4 ta' Gunju 1997 waqt illi kienu qieghdin jesegwixxu xogholijiet ta' skavar tat-triq f'Xemxija Hill – St Paul's Bay, bi traskuragni u nuqqas ta' hila fix-xoghol kkagunaw hsarat fl-imsemmi

cable tal-elettriku, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 1998. Is-socjeta konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. It-talba tal-korporazzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontra taghha stante li l-hsara fil-cable propjeta' tal-korporazzjoni attrici ma gratx tort tas-socjeta' eccipjenti jew ta' persuni inkarigati minnha izda gara unikment tort tal-istess korporazzjoni attrici.
2. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-korporazzjoni attrici ghall-hlas tal-interessi kif dedotta fl-avviz hija legalment insostenibbli billi skond il-ligi l-interessi fuq id-danni pretizi ma jiddekorrux mid-data tal-incident izda se mai mid-data tan-notifika ta' l-att gudizzjarju fejn is-socjeta' eccipjenti tkun giet interpellata thallas quantum specifiku ta' danni.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti tal-kawza, il-Korporazzjoni attrici, u dan wara certu dewmien, ipproduciet bhala provi s-segwenti xhieda u dokumenti:

a. Silvio Decelis, in rappresentanza tal-istess Korporazzjoni, issottometta d-dokument a fol 25 tal-atti u li fih hemm indikat, dettaljatament il-'quantum' ta' danni pretizi fl-avviz in esami liema dokument kien inhadem u gie redatt skond kif spjegat fl-istess xhieda.
b. Il-'foreman' Carmelo Pace (fol 26 et seq ibid) spjega li fil-lokalita' in kwistjoni kien hemm kuntrattur li kien qed jesegwixxi xoghol ta' skavar, li kien inbeda wara li impjegati tal-istess Korporazzjoni kienu marru fuq il-post

sabiex jindikaw minn fejn kienu sitwati u ghaddejjin ‘cables’. Wara li rcieva rapport li kien hemm qtugh fil-provvista ta’ kurrent elettriku fl-istess lokalita’, ix-xhud kien mar fuq il-post u kkostata li kien hemm ‘cable ‘milqut minn ‘jack hammer’ li kien ghadu fuq il-post, flimkien ma haddiema impjegati mill-kuntrattur. Meta kien tkellem mal-impjegat, li kien qed jhaffer, dan kien qal lix-xhud, testwalment, “…. Li kien qed jhaffer bicca blata u ‘zelaqlu ghal fuq il-cable’ liema ‘cable’, skond ix-xhud, kien di gja mikxuf. Ix-xhud kompla jispjega illi l-‘cable’ milqut kien wiehed ‘irqiq’ u ‘antik’ li ma kienx jinstab fuq is-suq u ghalhekk ‘… kellna nbidluh” ghal distanza ta’ madwar erbghin pied bejn fejn intlaqat il-‘cable’ u s-‘substation’. <u>In kontroesami</u>, hu spjega illi fejn gara dan l-incident, hemm dislivell u l-istess ‘cable’ kien ghaddej minn fuq bicca art’ u ‘ .. hlief fejn intlaqat (il-‘cable’)kien mghotti bic-cangatura antika”. Inoltre bejn il-livell tat-triq u l-‘cable, kien hemm zewg piedi u nofs’ waqt li eskluda li dan seta’ kien biss tletin centimetru. Jigi notat li l-istess xhud xehed li <u>l-kuntrattur “…. Mexa’ mal-‘markings taghna’ …. ‘tant li inkixef il-‘cable’ sabiex ma jintlaqatx</u>’.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Charles Cortis</u> (fol 32 et seq ibid) xehed, prodott mis-socjeta konvenuta, u li maghha hu impjegat bhala ”construction manager” illi qabel ma kien inbeda x-xoghol konsistenti f’tqattiegh ta’ blat fl-istess lokalita’ u taht is-supervisjoni tieghu, impjegati tal-Korporazzjoni attrici kienu informawh illi l-‘cable’ in kwistjoni kien ghaddej u kien sitwat f’fond ta’ sebghin centimetru. Wara li kien inbeda Philip Chircop, sub-appaltatur tal-istess socjeta konvenuta, li kien qed jesegwixxi l-istess xoghol b’’jack hammer’, kien laqat l-istess ‘cable’ ‘…. Kif ezatt dahlet ix-xafra’ minhabba li dan kien ‘…. Instab li kien <u>tletin metru fond biss</u>”. Ix-xhud semma li fuq il-cable’ kien hemm “….. wicc il-bankina originali maghmula bl-‘concrete’, terrapien u cangatura din tal-ahhar li kienet taghtti l-istess ‘cable. L-imsemmi <u>Philip Chircop</u> (fol 36 u fol 37 ibid) li, fis-sustanza, ikkonferma dak li xehed Charles Cortis u qal li l-<u>cable, mikxuf</u>, kien intalaqat minnu minhabba li kien “<u>pied biss</u>” taht il-livell tal-wicc u mhux zewg piedi u nofs kif

suppost (ara ukoll dik li xehed Charles Debono a fol 38 ibid in rigward id-distanza attwali bejn il-wicc u l-'cable' li gie milqut).

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz, il-Korporazzjoni attrici kellha tipprova illi s-socjeta konvenuta kienet qed tesegwixxi t-thaffir fil-post in kwistjoni b'mod negligenti. Difatti ser issir referenza ghall-artikolu 1029, 1031, 1032 u 1033 u 1037 tal-Kodici Civili. Filfatt mill-provi prodotti ma irrisultax illi s-socjeta attrici ikkawzat il-hsara fil-'cable' in kwistjoni minhabba li kienet qed tesegwixxi l-istess xoghol b'mod imprudenti jew b'nuqqas tad-debita diligenza jew attenzjoni. Dwar dan mill-istess provi irrizulta illi l-kuntrattur kien segwa l-marki maghmula mill-istess Korporazzjoni attrici. Inoltre u fuq basi ta' probabilta, instab li l-istess cable ma kienx sitwat kif suppost kien taht il-livell tal-wicc. Dwar dan il-punt, tidher li hemm certa' konflittwalita' bejn ix-xhieda ta' Carmelo Pace u dik moghtija minn Charles Cortis u Philip Chircop. Hawnhekk, il-Qorti tara illi ma tistax teskludi dak li xehdu x-xhieda prodotti mis-socjeta konvenuta u ghalhekk ghandha tikkonkludi li l-'cable' in kwistjoni seta' kien, dejjem fuq basi ta' probabilita (aktarx iva milli le) sitwat f'livell aktar vicin il-wicc. In rigward dak kollu promess, hi filfatt, il-fehma u opinjoni ta' din il-Qorti illi dak kollu li gara seta' kien kawzat minn fattur imprevedibbli, kemm ghal Korporazzjoni attrici kemm ghas-socjeta konvenuta.

Illi, inoltre, mill-provi ma rrisultax illi l-istess xoghol kien qed jigi esegwit minn xi persuna, impjegata mis-socjeta konvenuta u li setghet kienet inkompetenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz, in rigward l-ispejjes ta' dawn il-proceduri, fic-cirkostanzi kif hemm fuq esposti, il-Qorti tordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------